| | |
|---|---|
| **Ministeru Għall-Iżvilupp Sostenibbli, L-Ambjent u Tibdil fil-Klima** | **Chairperson, Awtorità Għall-Ambjent u r-Riżorsi** |

A.L. XX of 2017

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2017 Dwar Multi għal Kull Ġurnata**

DRAFT

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54, 55 u 78 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi, għamlu ir-Regolamenti li ġejjin:

Titolu

1. It-Titolu ta' dawn ir-Regolamenti huwa ir-Regolamenti tal-2017 Dwar Multi għal Kull Ġurnata.

Tifsir

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta' tal-kliem ma tkunx titlob mod ieħor:-

Kap. 549

"l-Att" tfisser l-Att tal-2016 Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif definita fl-artikolu 6 tal-Att;

"persuna" tfisser kull persuna, sew naturali jew ġuridika, korporata jew mhix korporata, u tinkludi kull persuna li taġixxi f'isimha jew taħt xi istruzzjonijiet ta' kwalunkwe persuna oħra;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar imsemmi fl-artikolu 3 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

Penali

Kap. 549

3. (1) Meta l-Awtorità tibgħat avviż bil-miktub lil persuna skont l-artikoli 76, 78, 80 jew 86 tal-Att b'konnessjoni ma' ksur imwettaq taħt xi Skeda taħt dawn ir-regolamenti wara d-data li dawn ir-regolamenti jiġu fis-seħħ, għandha tinnotifika wkoll lil dik il-persuna li hija suġġetta għal:

(i) multa amministrattiva ta' mitt ewro (€100); u

(ii) multa kuljum wara ħmistax-il ġurnata mid-data tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda relevanti taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Dik il-multa għandha tiġi imposta bla ħsara għal xi multa oħra jew ammont ieħor dovut lill-Awtorità taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att.

Reati Konkorrenti

4. Meta persuna teħel multa għal kull ġurnata għal kwalunkwe reat li jaqa' taħt kwalunkwe Skeda f' dawn ir-regolamenti u fl-istess ħin kisret aktar liġijiet jew liġijiet separati imniżżlin f'kwalunkwe Skeda f'dawn ir-regolamenti jew fi kwalunkwe regolament fl-Att, dik il-persuna teħel multi separati għal kull ġurnata li se jakkumulaw separatament sakemm ir-reati kollha jkunu indirizzati għas-sodisfazzjon tal-Awtorità.

Appell
KAP. 549

5. Meta l-persuna tappella mill-avviż skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 76(9) tal-Att, u l-avviż ikun ġie kkonfermat mit-Tribunal jew mill-Qorti tal-Appell, skont kif ikun il-każ, il-multa dovuta minn dik il-persuna tkun effettiva mis-sittax-il ġurnata (16) wara d-data tan-notifika tal-avviż skont id-disposizzjonijiet tal-Att.

Inadempjenza ta' ħlas

6. Fejn persuna tonqos milli tħallas il-penali fi żmien disgħin (90) jum mill-ħruġ tal-kont l-ammont dovut għandu jitqies bħala dejn ċivili lejn l-Awtorità.

Rimedjazzjoni

7. Meta persuna soġġetta għal multa għal kull ġurnata taħt dawn ir-regolamenti tirrimedja l-kwistjoni soġġetta għal multa għal kull ġurnata, għandha tibgħat avviż formali bil-miktub lil Awtorità mingħajr dewmien, akkumpanjat b'kull sottomissjonijiet u evidenza kif meħtieġa mill-Awtorità, li mbagħad jiġu vverifikati mill-Awtorità li għandha tikkonferma bil-miktub li s-sors ta' ksur ġie rimedjat.

Sospensjoni ta' penali

8. Kull meta l-Awtorità titlob is-sottomissjoni ta' Dikjarazzjoni tal-Metodu jew kwalunkwe dokument jew sottomissjonijiet oħra mill-persuna suġġetta għal multa għal kull ġurnata biex jispjega l-azzjonijiet ta' rimedju li ser jittieħdu biex ikunu rrimedjati l-offiżi suġġetti għal multa għal kull ġurnata, l-Awtorità għandha temporanjament twaqqaf milli jkomplu jakkumulaw il-multi għal kull ġurnata sakemm l-Awtorità tipproċessa d-dokumentazzjoni sottomessi lilha, liem multi għal kull ġurnata għandhom jerġgħu jibdew jakkumulaw fil-jum li risposta formali tingħata mill-Awtorità jew wara d-data futura indikata fir-risposta bil-miktub mogħtija mill-Awtorità.

Terminazzjoni

9. Multa għal kull ġurnata għandha tieqaf meta s-suġġett tar-raġuni li għalih inħareġ l-avviż u l-multa għal kull ġurnata taħt dan ir-regolament jitneħħa jew jiġi rimedjati għas-sodisfazzjon tal-Awtorità wara li l-Awtorità tikkonferma dan bil-miktub lil persuna.

Ġestjoni tad-dħul iġġenerat taħt dawn ir-regolamenti

10. Id-dħul kollu ġġenerat taħt dawn ir-regolamenti għandu jitħallas lill-Awtorità kif stipulat fl-Att.

**L-EWWEL SKEDA TA’ MULTI GĦAL KULL ĠURNATA**
**Nuqqas ta’ sottomissjoni lil Awtorità fiż-żmien stipulat**

| | Jiem suċċessivi wara d-data tan-notifika | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **0-15 il-ġurnata** | **16-50 il-ġurnata** | **51-180 il-ġurnata** | **181-365 il-ġurnata** | **366 il-ġurnata jew aktar** |
| Nuqqas ta’ sottomissjoni ta' rappurtar tad-data lill-Awtorità taħt:<br>(i) L.S. 549.63 – Regolamenti Dwar l-Iskart<br>(ii) L.S. 549.45 – Regolamenti Dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Attivitajiet fil-Maniġġar ta’ Skart<br>(iii) L.S. 549.50 – Regolamenti Dwar Maniġġar ta’ Skart (Maniġġar ta’ Skart mill-Industriji ta’ Estrazzjoni u Rdim)<br>(iv) L.S. 549.47 – Regolamenti Dwar Obbligazzjonijiet ta’ Rappurtaġġ lir-Reġistru Ewropew Dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta’ Inkwinanti<br>(v) L.S. 549.79 – Regolamenti Dwar Limitazzjoni ta’ Emissjonijiet ta’ Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrija<br>(vi) L.S 549.52 – Regolamenti Dwar il-Kontroll ta’ Emissjonijiet ta’ Komposti Organiċi Volatili – KOV (Ħażna u Distribuzzjoni ta’ Petrol mit-Terminals lejn Stazzjonijiet ta’ Servizz) | xejn | €5 kull jum | €10 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |
| Nuqqas ta’ sottomissjoni ta' rappurtar tad-data lill-Awtorità taħt:<br>(i) L.S 549.77 – Regolamenti Dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €60 kull jum | €100 kull jum |
| Nuqqas ta’ sottomissjoni ta' informazzjoni lill-Awtorità taħt:<br>(i) L.S 549.43 – Regolamenti Dwar L-Ippakjar u L-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart<br>(ii) L.S 549.54 – Regolamenti Dwar Maniġġjar ta’ Skart (Batteriji u Akkumulaturi)<br>(iii) L.S. 549.89 – Regolamenti Dwar L-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku)<br>(iv) Regolament 46(4) tal-L.S. 594.44 – Regolamenti Dwar il-Protezzjoni Tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali<br>(v) Regolament 7(5) tal-L.S. 549.35 – Regolamenti Dwar il-Ħarsien ta’ Mammiferi Tal-Baħar<br>(vi) Regolament 25(1) tal-L.S. 549.64 – | xejn | €5 kull jum | €10 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |

DRAFT

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Regolament Dwar il-Ħarsien tas-Siġar u L-Imsaġar<br>(vii) L.S 549.49 – Regolamenti Dwar Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament<br>(viii) L.S 549.60 - Regolamenti Dwar Rilaxx Deliberat ta' Organiżmi Modifikati Ġenetikament Fl-Ambjent | | | | | |

DRAFT

**IT-TIENI SKEDA TA’ MULTI GĦAL KULL ĠURNATA**

**Operat mingħajr liċenzja u Nuqqas ta’ konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-permess**

| | | **Jiem suċċessivi wara d-data tan-notifika +** | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **0-15 il-ġurnata** | **16-50 il-ġurnata** | **51-180 il-ġurnata** | **181-365 il-ġurnata** | **366 il-ġurnata jew aktar** |
| **L-Ewwel Parti: Operat mingħajr liċenzja** | | | | | | |
| Nuqqas ta’ ksib ta’ awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt Artikolu 58 u taħt kull Skeda tal-Att għal attività relatata ma’ jew li teffetwa l-ambjent | Regoli Ġenerali Vinkanti | Xejn | €15 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum | €70 kull jum |
| | Permess Ambjentali | xejn | €15 kull jum | €35 kull jum | €75 kull jum | €150 kull jum |
| Nuqqas ta’ ksib ta’ awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt L.S. 549.45 – Regolamenti Dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Attivitajiet fil-Maniġġar ta’ Skart:<br>(i) Trasportatur tal-iskart<br>(ii) Waste Broker<br>(iii) Irziezet u tkabbir tal-bhejjem<br>(iv) Reġistrazzjonijiet oħra bil-konferma għajr dawk imsemmija hawn fuq | | xejn | €15 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum | €70 kull jum |
| Nuqqas ta’ ksib ta’ awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt:<br>(i) L.S. 549.63 – Regolamenti Dwar L-Iskart<br>(ii) L.S. 549.50 – Regolamenti Dwart Maniġġar ta’ Skart (Maniġġat ta’ Skart mill-Industriji ta’ Estrazzjoni u Rdim) | | xejn | €15 kull jum | €35 kull jum | €75 kull jum | €150 kull jum |
| Nuqqas ta’ ksib ta’ awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt L.S. 549.79 – Regolamenti Dwar Limitazzjoni ta’ Emissjonijiet ta’ Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali | | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €60 kull jum | €100 kull jum |
| Nuqqas ta’ ksib ta’ awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt L.S.549.52 – Regolamenti Dwar il-Kontroll ta’ Emissjonijiet ta’ Komposti Organiċi Volartili – KOV (Ħażna u Distribuzzjoni ta’ Petrol mit-Terminals lejn Stazzjonijet ta’ | *Tankers* tat-triq | xejn | €5 kull jum | €10 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |
| | Stazzjonijet ta’ Servizz | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €60 kull jum | €100 kull jum |

DRAFT

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Servizz) | Terminals | xejn | €15 kull jum | €35 kull jum | €75 kull jum | €150 kull jum |
| **It-Tieni Parti: Nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-permess** | | | | | | |
| Nuqqas ta' konformità ma' xi kundizzjoni msemmija fir-reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorità inkluż kwalunke kundizzjoni fl-imsemmija awtorizzazzjoni relatata mar-rappurtat taħt L.S.549.45 – Regolamenti Dwar ir-Reġistrazzjoni Ta' Attivitajiet Fil-Maniġġar Ta' Skart | | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |
| Nuqqas ta' konformità ma' xi kundizzjoni msemmija f'awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità biex topera:<br>(i) skema ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar taħt L.S. 549.43 - Regolamenti Dwar L-Ippakjar u L-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, oltre minn kull kundizzjoni fit-tali awtorizzazzjoni relatata mar-rappurtar<br>(ii) skema ta' ġbir, trattament u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi taħt L.S. 549.54 - Regolamenti Dwar Maniġġjar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi)<br>(iii) skema ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku taħt L.S. 549.89 - Regolamenti Dwar L-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) | | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |
| Nuqqas ta' konformità ma' xi kundizzjoni msemmija f'permess maħruġ mill-Awtorità konformament mar-regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart | | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |
| Nuqqas ta' konformità ma' xi kundizzjoni msemmija f'awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt L.S. 549.63 – Regolamenti Dwar L-Iskart, għajr kwalunkwe kundizzjoni fl-imsemmija awtorizzazzjoni relatata mar-rappurtar. | | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |

DRAFT

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nuqqas ta’ konformità ma’ xi kundizzjoni msemmija f’awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità inkluż kwalunkwe kundizzjoni fl-imsemmija awtorizzazzjoni relatata mar-rapportar taħt:<br>i. L.S 549.44 – Regolamenti Dwar il-Protezzjoni Tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali<br>ii. L.S. 549.35 – Regolamenti Dwar il-Ħarsien tal-Mammiferi tal-Baħar<br>iii. L.S. 549.01 – Regolamenti Dwar ir-Riserva Naturali tal-Ġebla tal-Ġeneral (Fungus Rock)<br>iv. L.S. 549.03 – Regolamenti Dwar ir-Riserva Naturali tal-Gżejjer Selmunett (Gżejjer ta’ San Pawl)<br>v. L.S. 549.02 – Regolamenti Dwar il-Ħarsien ta’ Rettili<br>vi. L.S.549.64 - Regolamenti Dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar<br>i. L.S. 549.111 – Regolamenti Dwar L-Aċċess Għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta’ Benefiċċji li Jirriżultaw Mill-Użu Tagħhom<br>ii. L.S. 549.49 – Regolamenti Dwar Użu Kontenut Ta’ Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament<br>vii. L.S. 549.60 – Regolamenti Dwar Stima Ambjentali Strateġika<br>viii. L.S. 549.38 – Regolamenti Dwar il-Kummerċ Fi Speċi Ta’ Fawna u Flora<br>ix. Artikolu 58 tal-Att u taħt kull Skeda tal-Att għal attività relatata ma’ jew li teffetwa l-ambjent<br>a. Regoli Ġenerali Vinkanti<br>b. Permess Ambjentali | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |
| Nuqqas ta’ konformità ma’ xi kundizzjoni msemmija f’awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt:<br>(i) L.S. 549.50 – Regolamenti Dwar Maniġġar ta’ Skart (Maniġġar ta’ Skart mill-Industriji ta’ Estrazzjoni u Rdim)<br>(ii) L.S 549.79 – Regolamenti Dwar Limitazzjoni ta’ Emissjonijiet ta’ Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali<br>(iii) L.S 549.52 – Regolamenti Dwar il-Kontroll ta’ Emissjonijiet ta’ Komposti Organiċi Volatili – KOV (Ħażna u Distribuzzjoni ta’ Petrol mit-Terminals | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €30 kull jum | €50 kull jum |

DRAFT

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| lejn Stazzjonijiet ta' Servizz)<br>a. *Tankers* tat-triq<br>b. Stazzjonijet ta' Servizz<br>c. Terminals | | | | | |

DRAFT